Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Lokalita'

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1

Data tal-laqgħa: 23 ta' Settembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-6.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

### RESIDENTI PREŻENTI:

36 resident kienu preżenti

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa.

# 1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji

1.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

# 1.2 Introduzzjoni mis-Sindku

1.1.2 Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għall-ewwel laqgħa tal-lokalita' tal-Għaxar Leġislatura, fejn ta informazzjoni lil dawk preżenti fuq diversi proġetti li qed jaħdem fuqhom il-Kunsill.

# 1.3 Pjan ta' Ħidma 2024 - 2028

1.3.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għall-5 snin li ġejjin.

# 1.4 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

1.4.1 Is-Sindku stieden lir-residenti biex jagħmlu l-interventi tagħhom.

1.4.2 Is-SE ħadet nota tal-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti fuq diversi temi, fosthom:

- *Residential Parking Scheme* - Resident ma jaqbilx ma' din l-iskema;
- Kaos fejn l-iskola San Alwiġi fil-ħinijiet tad-dħul / ħruġ;
- *U-bar* u *sleeping policeman* fi Triq it-Tabib J. Zammit;
- Ix-xogħlijiet li qed isiru minn Enemalta plc u WSC fi Triq l-Annunzjata, Triq Balaguer, Triq Mons. F. X. Zahra u Triq it-Tliet Knejjes – Is-Sindku aġġorna lir-resident dwar l-aħħar żviluppi;
- Nuqqas ta' komunikazzjoni mill-Kunsill – Is-Sindku nfurma bil-*Whatsapp Channel* li għadu kif ġie varat mill-Kunsill u eventwalment jiġu mnedija mezzi oħra ta' komunikazzjoni aktar il'quddiem;
- L-*Embellishment* fi Triq il-Qarċilla;
- Il-ħofra kbira li tħalliet wara li tneħħa arblu Triq il-Ferrovija k/m Vjal il-Bon Pastur – Din se tiġi rranġata minn IM. Se nerġgħu nibgħatu *reminder*;
- Problema tad-drenaġġ f'Wied Ħal Balzan – Skond komunikazzjoni li rċieva l-Kunsill, din il-problema għandha tiġi indirizzata meta ssir Triq il-Kbira;
- *Overspeeding* fit-toroq – Talba għal tabelli bl-*ispeed limits* f'Wied Ħal Balzan;
- Talba għal *sleeping policeman* fi Triq San Franġisk (qabel ma toħroġ għal Wied Ħal Balzan);
- Ġrieden, ħmieġ u nies reqdin fil-binja tal-Ex-Dolphin Centre – Dwar il-ġrieden, is-Sindku infurma li l-Kunsill ser ikun qed jinstalla *rat bait boxes* fiż-żona. Dwar il-problema l-oħra, se nirrappurtaw lill-Pulizija;
- Permessi u irregolaritajiet relatati ma' kostruzzjoni;
- Talba biex Triq il-Kannizzata ssir kollha *one-way*; u
- Bżonn ta' manutenzjoni tal-*letter boxes* ta' Triq il-Kannizzata u Wied Ħal Balzan.

# 1.5 Tmiem tal-laqgħa

1.5.1 Wara li ma kienx hemm aktar ilmenti / suġġerimenti mir-residenti, is-Sindku għalaq il-laqgħa billi irringrazzja lil kull min kien preżenti, talli attendew għal din il-laqgħa.

1.5.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 29 ta' Ottubru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |